**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 6/2019 MS*

**Malcolm Miller u martu Rachel Karen sive Karen Miller**

**Vs.**

**Mercury plc u B&B Construction Limited u Avukat Dr Graziella Tanti u Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi nominati b'digriet tal-4 ta' Frar 2019 bħala Kuratur Deputati biex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa tal-Professur Joseph Debono għal kull interess li għandhom, u b'digriet tal-20 ta' Marzu 2019 ġew estromessi il-kuraturi deputati Dr Graziella Tanti u l-PL Joeline Pace Ciscaldi, u bl-istess digriet tal-20 ta' Marzu 2019, ġie ammess fil-kawża Profs Edward Debono bħala werriet tal-Professur Joseph Debono, u b'digriet tas-7 ta' Mejju 2019 l-atti ġew leġittimati f'isem Edward De Bono, Anthony Hugh De Bono, Peter De Bono, Gordon u Gareth aħwa Vincenti ulied il-mejta Elizabeth Vincenti xebba De Bono, Anne De Bono u wliedha John u Joseph aħwa De Bono, bħala werrieta tal-mejjet David De Bono, bħala werrieta tal-mejta Joseph u Josephine konjuġi De Bono, u b'digriet tad-29 ta' Settembru 2022, wara l-mewt ta' Edward De Bono il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Justyne Cassar Caspar bħala mandatarja tal-assenti l-aħwa Caspar De Bono u Charles Benedict De Bono**

Illum, 10 ta' Marzu, 2025

Kawża Numru: 27

1. Din is-sentenza qed tingħata biss dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta B&B Construction Limited fil-konfront tar-rikonvenzjoni preżentata mill-Profs Edward De Bono, f'ismu kif ukoll f'isem Gordon Vincenti, Gareth Vincenti, Anthony Hugh De Bono, Peter Joseph Burns De Bono, Anne De Bono, John De Bono u Joseph Debono.

2. Il-kawża nbdiet b'rikors ġuramentat li ġie preżentat fis-7 ta' Jannar 2019. Bih l-atturi talbu dikjarazzjoni li huma komproprjetarji fil-kwota ta' terz indiviż ta' porzjoni rimanenti minn għalqa f'San Ġiljan, u li konsegwentement il-kumpaniji konvenuti m'għandhom ebda dritt jeżegwixxu xogħlijiet f'dik l-għalqa u għandhom allura ineħħu x-xogħlijiet li laħqu għamlu.

3. Fit-30 ta' Mejju 2019[1], il-Profs Edward De Bono, f'ismu kif ukoll f'isem Gordon Vincenti, Gareth Vincenti, Anthony Hugh De Bono, Peter Joseph Burns De Bono, Anne De Bono, John De Bono u Joseph Debono (minn issa 'l quddiem il-konvenuti Debono) ressqu risposta ġuramentata sabiex iwieġbu għall-kawża mressqa mill-atturi. Mal-istess risposta ġuramentata, huma ressqu wkoll rikonvenzjoni. F'din ir-rikonvenzjoni, huma qablu li l-atturi kellhom terz indiviż tal-art in kwistjoni, kif kellhom ukoll huma stess u kif kellha l-konvenuta Mercury plc. Wara li għamlu l-premessi li dehrilhom, fosthom:

> Illi minkejja dak premess, is-soċjetà konvenuta Mercury plc tippretendi li tali rimanenti porzjoni ta' art hija di proprjetà esklussiva tagħha, ad esklużjoni tal-atturi u tal-eredi tal-Professur Debono...
>
> Di più, fi żminijiet reċenti, is-soċjetà konvenuta Mercury plc, tramite s-soċjetà konvenuta l-oħra B&B Construction Limited, intraprendiet xogħolijiet ta' kostruzzjoni proprio f'din il-porzjoni ta' art bil-ħsieb li tapproprjaha esklussivament għaliha...

il-konvenuti Debono talbu lil din il-Qorti:

> 1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti esponenti rikonvenzjonanti huma ko-proprjetarji flimkien mal-

[1] Fol.98.

konvenuti konjuġi Malcolm u Karen sive Karen Miller fil-kwota ta' terz indiviż ta' dik ir-rimanenti parti mill-għalqa denominata 'Tal-Għoqod' f'San Ġiljan, tal-kejl ta' ċirka mitt qasba kwadra (100 q.k.) ekwivalenti għal ċirka erba' mija disgħa u tletin metri kwadri (439 m.k.) jew kejl ieħor verjuri li jista' jiġi stabbilit waqt it-trattazzjoni tal-kawża bl-opera ta' periti nominandi, oriġinarjament akkwistata mill-Perit Edwin England Sant Fournier nomine, mill-Perit John Gambina u mill-Professur Dottor Joseph Debono, in parte bis-saħħa tal-preċitat kuntratt fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin datat 17 ta' Settembru 1960, u in parte bis-saħħa tal-preċitat kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino datat 3 ta' Diċembru 1960, li baqgħet mhux diviża u għalhekk di proprjetà komuni wara li ġie pubblikat il-kuntratt ta' diviżjoni parzjali in atti Nutar Maurice Gambin datat 18 ta' Ottubru 1963;

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetajiet konvenuti Mercury plc u B&B Construction Limited ma għandhom l-ebda dritt jintraprendu u jesegwixxu kwalsiasi xogħolijiet fl-istess porzjoni ta' art ad esklużjoni u bi preġudizzju tad-drittijiet patrimonjali tal-atturi;

3. Konsegwentement ukoll tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti Mercury plc u B&B Construction Limited sabiex, fi żmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa, jirripristinaw l-imsemmija porzjoni ta' art għall-istat li kienet tinsab fih qabel ma saru kwalsijasi xogħlijiet da parti tagħhom u dana taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi;

4. Fin-nuqqas ta' adempiment mat-talba preċedenti da parti tas-soċjetajiet konvenuti Mercury plc u B&B Construction Limited, fit-terminu lilhom prefiss, tawtorizza lill-atturi sabiex iwettqu tali xogħolijiet, taħt is-superviżjoni ta' l-istess periti nominandi, a spejjeż tas-soċjetajiet konvenuti Mercury plc u B&B Construction Limited, jew min minnhom.

Bl-ispejjeż...

4. L-atturi wieġbu fit-30 ta' Lulju 2019[2] billi qalu li r-rikonvenzjoni taderixxi ruħha mat-talbiet tagħhom u għalhekk huma m'għandhomx ibatu spejjeż. Il-konvenuta Mercury

[2] Fol.129.

plc ressqet risposta ġuramentata fit-2 ta' Lulju 2019[3], li permezz tagħha issollevaw eċċezzjonijiet fil-meritu tat-talbiet rikonvenzjonali.

5. Għar-rikonvenzjoni tal-konvenuti De Bono wieġbet il-konvenuta B&B Construction Limited b'risposta ġuramentata tal-1 ta' Lulju 2019[4]. L-ewwel eċċezzjoni tagħha tgħid hekk:

> Preliminarjament in-nullità tal-kontro-talba tal-konvenuti Prof Edward Debono pro et nomine billi kontro-talba tista' ssir biss '***<u>kontra l-attur</u>***' fil-każijiet kontemplati fl-**artikolu 396** tal-<u>Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili</u> (Kap 12) waqt li t-talbiet rikonvenzjonali tal-istess Prof Edward Debono pro et noe huma diretti esklussivament kontra l-konvenuti l-oħra Mercury plc u l-esponenti B&B Construction Limited.

6. Din is-sentenza hija dwar din l-ewwel eċċezzjoni.

7. L-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid: «*Fil-każi, l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt...*». Imbagħad l-artikolu 398(3) tal-istess Kodiċi jgħid: «*Meta l-proċedimenti jkunu b'rikors ġuramentat, kontro-talba magħmula fir-risposta ġuramentata tkun tiswa daqs preżentata ta' rikors ġuramentat dwar dik it-talba, li għandha tiġi notifikata lill-attur, li għandu jipproċedi daqslikieku kien il-konvenut dwarha...*». Huwa evidenti minn dawn id-dispożizzjonijiet li r-rikonvenzjoni, jew kontro-talba, ssir mill-konvenut <u>kontra l-attur</u>, u huwa <u>l-attur biss</u> li «għandu jipproċedi daqslikieku kien il-konvenut», u mhux il-konvenuti l-oħra.

8. Wara kollox, ir-rikonvenzjoni, bħall-eċċezzjonijiet, hija mezz ta' difiża disponibbli lill-konvenut sabiex jilqa' għat-talbiet tal-attur, u m'humiex qiegħdin hemm biex jiġu ndirizzati kontra l-konvenuti l-oħrajn. Kif jispjega ***Mortara***: «*Però, se nell'usare dei mezzi per far respingere* ***<u>la domanda dell'attore</u>***[5]*, il convenuto trae da questi mezzi*

[3] Fol.121.
[4] Fol.117.
[5] Enfażi u sottolinear miżjuda mill-Qorti.

*medesimi un titolo per spiegare egli una nuova e propria domanda contro il suo avversario, questa ha il nome di domanda riconvenzionale*»[6].

9. Fil-fatt il-ġurisprudenza tagħna dejjem applikat il-prinċipju li r-rikonvenzjoni ssir kontra l-attur biss, b'mod li jekk il-ġudizzju tar-rikonvenzjoni ikun jinneċessita l-preżenza tal-konvenuti l-oħra biex ikun integru, ir-rikonvenzjoni tqieset nulla. Din il-konklużjoni ntlaħqet avolja dawk il-konvenuti kienu parti fl-azzjoni prinċipali, għaliex il-liġi stess tgħid li r-rikonvenzjoni għandha eżistenza awtonoma mill-azzjoni prinċipali[7]. Hekk, per eżempju, fid-deċiżjoni ***Grace Baldacchino et vs. Giuseppi Baldacchino et*** (Prim'Awla, 3 ta' Lulju 2003) intqal hekk:

> Punt simili kien ġie deċiż minn din il-Qorti f'sentenza preliminari li tat fit-3 ta' Mejju, 2000, fil-kawża "Apap vs Cacciatolo et". F'dik il-kawża, l-attriċi talbet l-assenjazzjoni tal-leġittima lilha spettanti, u l-konvenuta oħtha, filwaqt li ma opponietx din it-talba, resqet kontro-talba biex jiġi likwidat u mħallas lilha kumpens għas-serviġi minnha resi lil ommha. Din il-Qorti, bid-deċiżjoni fuq indikata, kienet iddikjarat nulla l-kontro-talba għax ma kinitx tressqet fil-konfront tal-eredi kollha (u dan peress li l-"kontroparti" tal-kontro-talba hija biss l-attriċi, u l-eredi l-oħra, li kienu konvenuti wkoll, ma setgħux jiġu kkundannati versu l-konvenuta rikonvenjenti). Minn dan issegwi, li kwistjoni li tinvolvi xi materja tal-wirt, trid issir fil-konfront tal-partijiet kollha interessati, u min ikun fuq in-naħa l-oħra tal-kamp attur, irid jitpoġġa bħala leġittimu kontradittur tal-azjoni, u jekk mhux il-partijiet kollha jkunu kontroparti, dik l-azzjoni ma tkunx tista' tirnexxi.

10. Il-qagħda proċesswali li wasslet għad-deċiżjoni tal-lum m'hijiex ġdida fil-ġurisprudenza tagħna. Fid-deċiżjoni ***Georgina Vella vs. Emanuel Caruana et*** (Appell Superjuri, 25 t'April 1986)[8] ġiet dikjarata nulla kontro-talba proposta mill-konvenut kontra l-kjamat fil-kawża.

11. Imbagħad fid-deċiżjoni ***Gasan Insurance Agency Limited noe vs. Simon Soler et*** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru 2002) ġie miżmum: «*Ġjaladarba fil-każ in eżami ma jokkorrux iċ-ċirkostanzi prospettati fl-artikolu tal-liġi surreferit, li tajjeb*

[6] Manuale della Procedura Civile (Torino, 1887), §20.
[7] Artikolu 401 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
[8] Kollezz. Vol.LXX.ii.179.

*jiddefinixxi l-parametri li fihom setgħet issir ir-rikonvenzjoni u di fronte għal min fost il-kollitiganti fil-kawża, tali proċedura ma setgħetx tiġi utilizzata minn konvenut kontra konvenut ieħor fl-istess proċeduri. L-ebda liċenzja ġuridika ma hi konċessa lill-Qorti biex tintroduċi jew tippermetti sitwazzjoni ġuridika innovattiva fis-sistema proċedurali tagħna*».

12. Waqt it-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni, id-difensur tal-konvenuti DeBono ssottomettiet illi n-nullità prospettata mill-konvenuta B&B Construction Limited ma tirrientra fl-ebda wieħed mill-każijiet elenkati taħt l-artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-Qorti iżda ma taqbilx. L-artikolu 789(1)(d) jgħid li l-eċċezzjoni ta' nullità tista' tingħata «*jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi*».

13. Fil-każ tagħna, il-partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi hija li r-rikonvenzjoni ssir fil-konfront tal-attur, u mhux fil-konfront tal-konvenuti l-oħra. Din il-partikolarità mankanti ma tistax tissewwa b'ebda mod – fir-rikonvenzjoni ma tistax issir il-kjamata fil-kawża tal-konvenuti fl-azzjoni prinċipali mingħajr ma jiġi skonvolt u skombussolat l-istat proċesswali tal-kawża sħiħa. Ma hemm ebda mod kif il-konvenuti li kontrihom saret ir-rikonvenzjoni jiddaħħlu fil-ġudizzju tar-rikonvenzjoni, la huma m'humiex u qatt ma jistgħu ikunu atturi.

14. Fit-trattazzjoni intqal ukoll li l-ewwel talba rikonvenzjonali tista' teżisti weħidha, u li din hija ndirizzata wkoll fil-konfront tal-atturi. Il-Qorti però tqis li mill-premessi tar-rikonvenzjoni, huwa evidenti li l-ewwel talba – li hija talba dikjaratorja u kjarament preordinata għat-talbiet sussegwenti – ma tistax tissussisti fil-konfront tal-atturi, billi l-atturi mhux jikkontradixxu dik it-talba. Dik it-talba, bħat-talbiet ta' warajha, saret ukoll fil-kontradittorju tal-konvenuti l-oħrajn, u għalhekk ukoll hija milquta bl-istess difett.

15. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta rikonvenzjonata B&B Construction Limited kif kontenuta fir-risposta ġuramentata tal-1 ta' Lulju 2019 preżentata fil-konfront tar-rikonvenzjoni tal-konvenuti De Bono, u konsegwentement, wara li tiddikjara dik ir-rikonvenzjoni bħala nulla, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

L-ispejjeż naxxenti mir-rikonvenzjoni jbatuhom il-konvenuti De Bono.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur